2024/2734

22.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2734

tal-21 ta' Ottubru 2024

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.

(2) F'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-10 ta' Ottubru 2024, li tispeċifika l-ammont tat-tielet pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2024.

(3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi għall-BEI u għall-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1877.

(4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") jibqa' parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawk il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, ma għandux jintuża mill-ġdid.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2586 ([3]) tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2024 għal EUR 1 200 000 000 għall-Kummissjoni, u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.

(6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024 huwa b'dan stabbilit għal EUR 350 000 000. Dan għandu jitħallas kif ġej:

(a) għall-Kummissjoni, EUR 250 000 000; u

(b) għall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), EUR 100 000 000.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.
([3]) Id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2586 tat-13 ta' Novembru 2023 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027 (ĠU L, 2023/2586, 15.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2586/oj).

Artikolu 2

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024, kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

NAGY I.

ANNESS

It-tielet pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ għall-2024 (f'EUR)

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-kjavi tal-11-il FEŻ f'%	It-tielet pagament parzjali tal-2024 (f'EUR)		Totali
		Il-Kummissjoni	Il-BEI	
		Il-11-il FEŻ	Il-11-il FEŻ	
IL-BELĠJU	3,24927	8 123 175	3 249 270	11 372 445
Il-BULGARIJA	0,21853	546 325	218 530	764 855
IĊ-ĊEKJA	0,79745	1 993 625	797 450	2 791 075
ID-DANIMARKA	1,98045	4 951 125	1 980 450	6 931 575
IL-ĠERMANJA	20,57980	51 449 500	20 579 800	72 029 300
L-ESTONJA	0,08635	215 875	86 350	302 225
L-IRLANDA	0,94006	2 350 150	940 060	3 290 210
IL-GREĊJA	1,50735	3 768 375	1 507 350	5 275 725
SPANJA	7,93248	19 831 200	7 932 480	27 763 680
FRANZA	17,81269	44 531 725	17 812 690	62 344 415
IL-KROAZJA	0,22518	562 950	225 180	788 130
L-ITALJA	12,53009	31 325 225	12 530 090	43 855 315
ĊIPRU	0,11162	279 050	111 620	390 670
IL-LATVJA	0,11612	290 300	116 120	406 420
IL-LITWANJA	0,18077	451 925	180 770	632 695
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	637 725	255 090	892 815
L-UNGERIJA	0,61456	1 536 400	614 560	2 150 960
MALTA	0,03801	95 025	38 010	133 035
IN-NETHERLANDS	4,77678	11 941 950	4 776 780	16 718 730
L-AWSTRIJA	2,39757	5 993 925	2 397 570	8 391 495
IL-POLONJA	2,00734	5 018 350	2 007 340	7 025 690
IL-PORTUGALL	1,19679	2 991 975	1 196 790	4 188 765
IR-RUMANIJA	0,71815	1 795 375	718 150	2 513 525
IS-SLOVENJA	0,22452	561 300	224 520	785 820

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-kjavi tal-11-il FEŻ f'%	It-tielet pagament parzjali tal-2024 (f'EUR)		Totali
		Il-Kummissjoni	Il-BEI	
		Il-11-il FEŻ	Il-11-il FEŻ	
IS-SLOVAKKJA	0,37616	940 400	376 160	1 316 560
Il-FINLANDJA	1,50909	3 772 725	1 509 090	5 281 815
L-IŻVEZJA	2,93911	7 347 775	2 939 110	10 286 885
IR-RENJU UNIT (*)	14,67862	36 696 550	14 678 620	51 375 170
TOTALI UE-27 U R-RENJU UNIT	100,00	250 000 000	100 000 000	350 000 000

(*) Abbażi tal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, f'Marzu 2023 ir-Renju Unit talab formalment li l-Kummissjoni tagħti rifużjoni tas-sehem pendenti tar-Renju Unit tar-riżervi tal-10 u tal-11-il FEŻ billi tpaċi l-kontribuzzjoni pendenti tar-Renju Unit. Din it-tpaċija ser tkun riflessa fl-istruzzjonijiet ta' pagament rispettivi.